MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 739/2008

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Carmel Abela**
**Angelino Abela**
**Jonathan Abela**
**Johan Abela**
**Anthony Abela**
**Jason James Agius**
**Heathcliffe Schembri**
**James Vella**
**Dylon Vella**
**John Mamo**
**Nazzareno Gatt**
**Marouska Attard**
**Kelsey Vella**

**Carmela Mintoff**
**Alishia Mintoff**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Carmel Abela ta ’49 sena mwieled gewwa il-Hamrun nhar il-25 ta’ Ottubru 1958 bin il-mejjet John u Annie nee’ Pace residenti gewwa Nru1 Triq l-Oratorju, Isla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 682258M u l-imputat Angelino Abela ta’ 44 sena mwieled gewwa l-Hamrun nhar il-14 ta’ Frar 1964 bin il-mejjet John u Annie nee’ Pace residenti gewwa Nru Thanks God Nru 32Triq il-Falkunier Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ nru 121664M u l-imputat Anthony Abela ta’ 48 sena mwieled gewwa il-Hamrun nhar it-13 ta’ Mejju 1960 bin il-mejjet John u Annie nee’ Pace u residenti gewwa Nru Thanks Dad 2 Triq Anton Manuel Caruana, Iklin u detentur tal-karta tal-identita’ numru 365460M u l-imputat Jonathan Abela ta’ 23 sena mwieled gewwa il-Pieta’ nhar it-8 ta’ Lulju 1985 bin Anthony u Marcel nee’ Galea u residenti gewwa Thanks Dad 2 Triq Anton Manuel Caruana Iklin u detentur tal-karta tal-identita’ numru 376185M u l-imputat Johan Abela ta’ 21 sena mwieled gewwa il-Pieta’ nhar il-21 ta’ Jannar 1987 bin Angelino u Sephora nee’ Muscat Galea u residenti gewwa Thanks Dad 32 Triq il-Falkunier Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 67787M u l-imputat Jason James Agius ta’ 34 sena mwieled gewwa l-Ingilterra nhar it-23 ta’ Jannar 1974, bin il-mejjet Joseph Agius u Mary nee’ Vella u residenti gewwa numru 1 Triq San Frangisk Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 229590M u l-imputat Heathcliffe Schembri ta’ 22 sena mwieled il-Pieta’ nhar is-17 ta’ Settembru 1985, bin Anthony u Mary nee’ Chircop, residenti gewwa Nru 6 Triq il-Parrocca Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita’ numru 481185M u l-imputat James Vella ta’ 51 sena mwieled il-Pieta’ nhar it-22 ta’ Ottubru 1956 bin Victor u Maris nee’ Bray u residenti gewwa Block C 2 Flat 10 Triq id-Duluri, Pieta’ u detentur tal-karta tal-identita’ numru 718756M u l-imputat Dylon Vella ta’ 22 sena mwieled il-Pieta’ nhar it-3 ta’ Marzu 1986 bin James u Mario nee’

Refalo u residenti gewwa Block C2 Flat 10 Triq id-Duluri Pieta' u detentur tal-karta tal-identita' numru 203286M u l-imputat John Mamo ta' 24 sena mwieled il-Pieta' nhar l-10 ta' Marzu 1984 iben John u Alfrida nee' Abela u residenti gewwa Nru 85 Sunshine Flat 2 Triq Nuzzu Hamrun u detentur tal-karta tal-identita' numru 146384M u l-imputat Nazzareno Gatt ta' 34 sena mwieled Pieta' nhar is-7 ta' April 1974 iben Spiridione u Theresa nee' Bonnici u residenti gewwa Anfield Triq Gwiedi Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 201574M u l-imputata Kelsey Vella ta' 20 sena mwielda il-Pieta' fi 30 ta' Novembru 1987, bint James u Marion nee' Refalo u residneti gewwa Block C2 Flat 10 Triq id-Duluri, Pieta' u detentrici ta' karta tal-identita' numru 539087M u l-imputata Carmela Mintoff ta' 51 sena mwielda il-Belt Valletta fi 18 ta' Lulju 1957 bint Anthony Grima u Ludgarda nee' Mifsud u residenti gewwa 'Sandro' No 19 Flat 2 Triq il-5 ta' Dicembru 1630 Birkirkara u detentrici tal-karta tal-identita' numru 510157M u l-imputata Alishia Mintoff ta' 27 sena mwielda il-Pieta' nhar l-10 ta' Novembru 1980 bint Albert u Carmela nee' Grima u residenti gewwa 'Sanfro' No 19 Flat 2 Triq il-5 ta' Dicembru 1630 Birkirkata u detentrici ta' karta tal-identita' numru 526380M u Marouska Attard ta' 25 sena mwielda il-Pieta' nhar il-25 ta' Settembru 1982 bint Albert u Eugenia nee' Zammit u residenti gewwa Nru 13 San Gejtanu Triq Azzopardi il-Hamrun u detentrici tal-karta tal-identita' numru 520882M gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Fil-Hamrun nhar l-10 ta' Awwissu 2008 bejn il-hinijiet ta' 4.50pm u 5.40pm xewwxu gemgha ta' nies, illi hekk imxewwxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat, u cioe' attakk u resistenza fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll hsarat volontarji jew hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, u dan ai terminu tal-artikolu 68 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xewwxu pubblikament persuni ohra sabiex jinholoq reat, u cioe' attakk u resistenza fuq diversi membri tal-Korp tal-pulizija kif ukoll

hsarat volontarji dan ai terminu tal-Artikolu 69 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi pubblikament xewwxu lill-persuni ohra sabiex jiksru il-ligi, u dan ai terminu tal-artikolu 70 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi ingurjaw jew heddew jew ghamlu offizi fuq persuni ta' diversi persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' diversi membri tal-korp tal-Pulizija ta' Malta waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi heddew lill-diversi ufficjali pubblici, u cioe' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija bi kliem u dan ai terminu tal-artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd, indahlu fl-istess dmirijiet billi ma hallex lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qalu kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Lil Carmel Abela, Jonathan Abela, Anthony Abela u Johan Abela wahedhom :</u>

Nhar l-10 ta’ Awwissu 2008, fil-hinijiet ta’ bejn il-5.00pm u 5.30pm gewwa il-Hamrun, attakkaw u/jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe’ is-Supretendent Carmelo Bartolo, l-Ispetturi Mario Tonna u Ramon Mercieca, il-Maggur 86 Anthony Lia u il-Kuntistabbli 1112 George Buhagiar u membri ohra tal-korp tal-Pulizija filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Lil Angelino Abela wahdu ukoll:

Nhar il-10 ta’ Awwissu 2008, fil-Hamrun b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Attakka u/jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe’ is-Supretendent Carmelo Bartolo, u diversi membri ohra tal-korp tal-Pulizija filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta

2. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ is-Supretendent Carmelo Bartolo, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kein ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Nhar l-10 ta’ Awwissu 2008 fil-Hamrun fil-hinijiet ta’ bejn il-4:50pm u is-5:40pm u volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli kew immobbli u cioe’ ‘Portable radio’ propjeta’ tal-Korp tal-Pulizija liema hsara li tammonta ghal aktar minn 116 Euro 50 Euro cent (LM50) saret ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta

u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**Kif ukoll lill-Carmel Abela wahdu talli**

Nhar l-10 ta' Awwissu 2008, fil-Hamrun, fil-hinijiet ta' bejn il-4:50pm u is-5.40pm ikkaguna offica ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-Supretendent Carmelo Bartolo u dan kif iccertifika Dr. G Azzopardi MD tal-Isptar Mater Dei, u dan ai terminu tal-Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kif ukoll lill-Jason James Agius wahdu**

Nhar l-10 ta' Awwissu 2008, fil-Hamrun fil-hinijiet ta' bejn il-4:50pm u is-5:40pm attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' il-Maggur 86 A. Lia u membri ohra tal-Kort tal-Pulizija filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati ta' reati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Kif ukoll lil Heathcliffe Schembri wahdu -**

Il-10 ta' Awwissu 2008 fil-hinijiet ta' bejn il-5.00pm u 5.30 pm gewwa il-Hamrun volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe, vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAI 953 ta' l-ghamla Hyundai, liema hsara li tammonta ghall aktar minn 116 Euro u 50 Euro cent (LM50) a detriment ta' Gaetano Cassar mill-Hamrun u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**Kif ukoll nakkuza lill-James Vella, Dylon Vella u Kelsey Vella wahedhom**

Nhar il-10 ta' Awwissu 2008, fil-hinijiet ta' bejn il-5.00pm u 5.30pm, fil-Hamrun attakkaw u/jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra il-persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP585 tal-ghamla Ford Focus, liema hsara li tammonta ghall aktar minn 116-il Euro u 50 Euro cent (LM50) saret a detriment tal-Gvern ta' Malta u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**Lill-Kelsey Vella wahedha ukoll:**

Il-10 TA' Awwissu 2008, fil-hinijiet ta' bejn il-5.00pm u 5.30pm, ikkagunat offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Kuntistabbli 1112 George Buhagiar, u dan kif iccertifika Dr. George Azzoaprdi MD tal-Isptar Mater Dei u dan ai terminu tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Lill-Carmela Mintoff u Alishia Mintoff wahedhom:**

Nhar il-10 ta' Awwissu 2008, fil-hinijiet ta' bejn il-5.00pm u 5.30pm, attakkaw u/jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' il-Maggur 86 A. Lia u diversi membri ohra tal-korp tal-Pulizija, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Nhar il-10 ta' Awwissu 2008 fil-hinijiet ta' bejn il-5.00pm u 5.30pm volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew

gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' diversi uniformijiet tal-Pulizija, liema hsara li tammonta ghall-aktar minn 23 Euro u 33 Euro cent (LM 10) saret a detriment Gvern ta' Malta u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Lill-Marouska Attard wahedha:</u>**

Nhar il-10 ta' Awwissu 2008, fil-hinijiet ta' bejn il-5.00pm u 5.30pm attakkat u/jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' il-Maggur 86 A. Lia u diversi membri ohra tal-korp tal-Pulizija filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta

Fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP589 tal-ghamla Ford Focus, liema hsara li tammonta ghall aktar minn 116 il-Euro u 50 Euro cent (LM50) saret a detriment tal-Gvern ta' Malta u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Bil-hsieb li taghmel hsara lill-Maggur 86 A Lia u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija akkuzat lill-istess Maggur quddiem awtoritajiet kompetenti b'reat filwaqt li taf lid an ir-reat ma sehhx u dan ai terminu tal-artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fl-istess data, waqt li kienet taht arrest, fl-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, f'xi hin wara l-5.30pm, harbet mill-lok imsemmi u cioe' minn taht il-kustodja tal-Pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dawn il-Gzejjer, bil-qerq holqot, tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kontra membri tal-korp tal-pulizija billi iddenunzjat il-falz quddiem il-persuni ta' awtorita u cioe' quddiem, l-ispetturi Mario Tonna u Ramon

Mercieca kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija u dan ai terminu ta l-artikolu 110 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Lil John Mamo wahdu ukoll:**

Nhar l-10 ta’ Awwissu 2008 ghall-habta ta’ 8.15pm gewwa il-Kwartieri Generali tal-Pulizija, bil-hsieb li jaghmel hsara lill-membri tal-Korp tal-Pulizija akkuza lill-diversi membri tal-korp tal-Pulizija quddiem awtoritajiet kompetenti b’reat filwaqt li jaf li dan ir-reat ma sehhx u dan ai terminu tal-artikolu 101 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu inbdew proceduri kontra membri tal-korp tal-Pulizija billi iddenunzja il-falz quddiem il-persuni ta’ awtorita u cioe’ quddiem l-assistant Kummissarju J. Brincat, l-ispetturi Mario Tonna u Ramon Mercieca kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 110 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Awwissu 2008 (esebit a fol. 228 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-11 ta’ Awwissu 2008 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza ;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali maghmula mill-imputat Jonathan Abela.

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw inkwiet li nqala' fl-10 ta' Awwissu 2008 ghall-habta tal-4.50pm fi Triq Giovanni Barbara, il-Hamrun waqt il-festa ta' San Gaetano fejn inqalghu incidenti bejn il-Pulizija u nies li kienu qeghdin il-festa u fejn l-imputati fil-kawza odjerna spiccaw lkoll arrestati u mressqa l-Qorti akkuzati bl-imputazzjonijiet odjerni u fejn is-Supretendent Carmelo Bartolo u PC1112 spiccaw sofrew griehi ta' natura hafifa. Mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna[1] rrizulta li l-Pulizija gew infurmati li kien inqala' xi nkwiet hdejn id-Don Vino Bar, fi Triq Giovanni Barbara u inizjalment intbaghtu PS 1141 Noel Tanti, PC 518 Anthony De Giovanni, PC 303 u PC 1066 izda meta dawn infurmaw lis-superjuri taghhom li ma setghux ilahqu mal-argumenti li kien hemm intbghatu r-rinforzi u meta marru r-rinforzi fuq il-post, liema rinforzi kienu jinkludu lis-Supretendent Carmelo Bartolo, l-Ispettur Mario Tonna u l-Maggur 86 Anthony Lia. U aktar tard l-Ispettur Ramon Mercieca, spiccaw sabiex inqalghu xi incidenti mal-Pulizija fejn l-imputati kollha fil-kawza odjerna gew arrestati mill-Pulizija stante li dawn tal-ahhar allegaw li l-istess imputati kienu agredewhom, ikkawzaw hsara volontarja fuq vetturi tal-Korp tal-Pulizija u rrezistew l-arrest u kkawzaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni tas-Supretendent Bartolo u ta' PC1112. Il-Prosekuzzjoni tallega li l-incidenti originarjament inqalghu bejn zewg familji, tal-Affaran, u cioe' l-familja tal-imputati Abela, u tal-Webbes u cioe' l-familja tal-imputat Jason James Agius. Mix-xhieda tas-Supretendent Bartolo, li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta' Novembru 2009, jirrizulta li meta huwa wasal fuq il-post bir-rinforzi fi kliemu stess l-affarijiet kienu kkalmaw izda meta l-Maggur 86 Anthony Lia sejjah lil Jason James Agius li kien qieghed fil-bieb tal-bar propjeta' tieghu bl-isem ta' Don Vino dan allegatament irrifjuta li jitkellem mal-Pulizija u beda' jghajjar u jinsulenta lil Maggur Lia u ghalhekk gie ordnat l-arrest tieghu u waqt li huwa kien qed jigi skortat lejn il-Police Van xi nies mill-folla, li kienu jinkludu membri tal-familja Abela, pruvaw jagredixxu kemm lil Agius kif ukoll lill-Puizija u mbaghad

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Mejju 2009.

inqala' pandemonju shih fejn il-Pulizija spiccat sabiex arrestat lill-imputati odjerni. Mill-provi rrizulta li l-incidenti nqalghu fil-periferija tal-Hamrun, vicin l-iskola ta' Maria Regina wara li spicca l-marc ta' filghodu u n-nies li ma jghixux il-Hamrun kienu sejrin lejn il-vetturi taghhom li kienu parkeggjati f'dawk l-inhawi. L-atti f'dawn il-proceduri huma voluminuzi u in vista tal-fatt li hemm hmistax il-ko-akkuzat il-Qorti ser tghaddi sabiex telenka x'intqal mix-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti ta' kull wiehed mill-imputati u mbaghad tghaddi sabiex tikkunsidra jekk l-akkuzi miguba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti taghhom jirrizultawx pruvati.

In kwantu jirrigwarda l-imputat Carmelo Abela l-Ispettur Mario Tonna li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Mejju 2009 qal li huwa ra argument ghaddej bejn Abela u s-Supretendent Carmelo Bartolo fejn Abela beda' jaghmel mossi b'idejh u jitkellem b'lehen gholi u huwa gie ghalhekk arrestat minn PS1141 Noel Tanti u waqt li kien qed jiddahhal fil-vann tal-Pulizija huwa beda' jgholli idejh sabiex juri li kellu l-manetti u kien qed jigi arrestat u b'hekk zdiedet il-kommozzjoni fejn il-familjari tieghu u cioe' Anthony, Angelino, Johnathan u Johan Abela bdew jipprotestaw mal-Pulizija u huma ghalhekk gew arrestati wkoll. PS1141 Noel Tanti[2] xehed li Carmelo Abela prova jaghti daqqa ta' ponn lis-Supretendent Carmelo Bartolo u li l-istess imputat m'obdiex l-ordnijiet moghtija lilu mill-Pulizija. Is-Supretendent Carmelo Bartolo[3] qal li Carmelo Abela xejjirlu daqqa ta' ponn izda ma laqtux ghaliex PS 1141 Noel Tanti dahal bejnithom u rnexxielu jisbilancja lill-imputat Carmelo Abela li mbaghad gie arrestat. Il-Maggur 86 Anthony Lia li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta' Novembru 2009 qal li ra lill-imputat Carmelo Abela ixejjer daqqa ta' ponn lis-Supretendent Bartolo filwaqt li PC1066 Antoine Guillaumier[4] xehed li Carmelo Abela irrezista l-arrest. PC 518 Anthony De Giovanni li xehed waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2010 qal li ra lil Carmelo Abela jitfa' tazza lejn vettura li kien hemm parkeggjata qrib id-Don Vino bar u

---

[2] Li xehed f'dawn il-proceduri wat l-udjenza tas-26 ta' Mejju 2009.
[3] Li xhed fdawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta' Novembru 2009.
[4] Li wkoll xehed waqt l-udjenza tas-16 ta' Novembru 2009.

rah jaghti daqqa ta’ ponn lis-Supretendent Bartolo. PC303 Stefan Mamo li xehed waqt l-udjenza tal-15 ta’ Marzu 2010 qal li ra lil Carmelo Abela jixhet tazza filwaqt li l-Ispettur Ramon Mercieca[5] qal li waqt li huwa kien hdejn il-kazin ta’ San Guzepp sabiex jara li l-marc u l-festivitajiet jieqfu u l-imputati Carmelo Abela, Angelino Abela u Anthony Abela gew mitluba jitilqu mill-kazin sabiex jinghalaq dawn qalulu li huma kienu sejrin lura d-dar taghhom fejn kien hemm id-Don Vino bar faccata u fl-eventwalita’ li jsibu xi party ghadu ghaddej hemmhekk huma kienu ser jaqilghu l-inkwiet.

PS 601 Justin Spiteri[6] qal li meta huwa wasal f’Giovanni Barbara Street huwa inghata ordni mis-superjuri tieghu sabiex jarresta lil Angelino Abela izda dan ix-xhud specifika li ma kienx ra lil Angelino Abela jaghmel xejn qabel ma arrestah. Huwa specifika li malli mar sabiex jarresta lil Angelino Abela dan telaq jigri u huwa gera warajh u rnexxielu jilhqu fi triq imharbta li hemm hdejn l-iskola ta’ Maria Assunta u ghalkemm ghall-ewwel irrezista xi ftit l-arrest izda mbghad ikkalma ghalkemm meta mbaghad ghaddew minn quddiem id-dar t’ommu fejn kien hemm il-familjari tieghu dan rega’ beda’ jipprotesta dwar il-fatt li kien qed jigi arrestat. PS 1141 qal li dan l-imputat m’obdiex l-ordnijiet filwaqt li s-Supretendent Bartolo xehed li l-istess imputat agredih, beda’ jaghtih fuq sidru bic-catt u mbuttah.

Dwar l-imputat Anthony Abela PS 1141 xehed li dan m’obdiex l-ordnijiet lilu moghtija filwaqt li l-Maggur 508 xehed li dan beda’ jipprotesta meta gie arrestat xi hadd mill-familjari tieghu u meta nghatat l-ordni sabiex huwa jigi arrestat Anthony Abela harab minn fuq il-post.

In kwantu jirrigwarda l-imputat Jonathan Abela, PS 1141 qal li dan m’obdiex l-ordnijiet lilu moghtija filwaqt li nonostante li l-Qorti fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz ma sabet ebda

[5] Li xehed waqt l-udjenza tat-30 ta’ April 2010
[6] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta’ Mejju 2009.

referenza ghal x'seta' ghamel l-imputat Johan Abela qabel ma huwa gie arrestat.

Dwar l-imputat Jason James Agius, l-Ispettur Mario Tonna xehed li meta wasal fuq il-post sab argument ghaddej bejn il-Maggur 86 Anthony Lia u Agius u dak il-hin inghata ordni sabiex dan jigi arrestat. PS1112 qal li Agius ikkopera u ma rrezistix l-arrest filwaqt li s-Supretendent Bartolo xehed li malli huwa, l-Maggur Lia u l-Ispettur Tonna waslu fuq il-post Agius kien fuq l-ghatba tal-hanut tieghu Don Vino u malli l-Maggur Lia sejjahlu sabiex ikellmu Agius beda' joffendih, ikellmu hazin u rrifjuta li jigi mitkellem mill-Pulizija u ghalhekk huwa gie arrestat. Is-Supretendent Bartolo spjega inoltre li malli Agius gie arrestat u kien qed jittiehed lejn il-Police van kien hemm membri tal-familja tal-Affaran li bdew jimbuttaw lil Pulizija u lil Agius. Is-Supretendent Bartolo sostna wkoll li l-imputat Agius irrezista l-arrest. Il-Maggur 86 Anthony Lia xehed li malli huwa avvicina lil Agius u tah ordni saibex jinfirdu n-nies, Agius qallu sabiex ma jindahalx u malli huwa ta l-ordni sabiex jigi arrestat Agius, dan irrezista l-arrest. Il-Maggur Lia sostna wkoll li meta ta l-ordni lil Agius sabiex iwarrab Agius ma kienx quddiem il-bieb ta' Don Vino. PS 518 min-naha l-ohra xehed li Jason James Agius ma riedx ibaxxi l-muzika.

Dwar l-imputat Dylan Vella, l-Ispettur Mario Tonna qal li ra lil dan l-imputat  jersaq lejn Pulizija minn wara u huwa beda' jaghtih minn wara sabiex jehles lill-ohtu Kelsey Vella. L-Ispettur Mario Tonna qal ukoll li huwa kien ra lil dan l-imputat jaghti bis-sieq fuq il-boot tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP 585, semghu jitkellem hazin, jinsulta lil Pulizija sakemm imbaghad gie arrestat. PS1112 qal li Dylan Vella beda' jigbdu sabiex ma jhallihx idahhal lil Kelsey Vella fil-vann tal-Pulizija. Il-Maggur Lia qal li dan l-imputat beda' jirrezisti l-arrest u jaghti bis-sieq fuq il-vettura tal-Pulizija filwaqt li l-Ispettur Ramon Mercieca wkoll qal li rah jaghti bis-sieq fuq il-vettura tal-Pulizija fejn kien hemm ohtu arrestata.

Dwar l-imputat James Vella, li huwa missier l-imputati Dylan u Kelsey Vella, l-Ispettur Mario Tonna qal li dan

assalta lil Pulizija li arresta lil Kelsey Vella filwaqt li PS 1112 qal li James Vella waddablu flixkun ilma kbir u l-Ispettur Ramon Mercieca xehed li ra lil James Vella jipprotesta meta l-Pulizjia kienu qed jarrestaw lil uliedu.

In kwantu jirrigwarda l-imputata Kelsey Vella l-Ispettur Mario Tonna xehed li huwa ra lil din l-imputata taghti bis-sieq lil PC1112. Dan tal-ahhar xehed li Kelsey Vella intervjeniet u ma hallitx lil Pulizija jarrestaw lil Alishia Mintoff u bdiet taghti bic-catt lis-Supretendent Bartolo. PS1112 qal ukoll li Kelsey Vella gidmitu f’idu. L-Ispettur Mercieca xehed li huwa ra lil Kelsey Vella tagredixxi lil PC1112 u tigdimlu idejh wara li hija inxtehtet mal-art u bdiet ixxejjer b’saqajha lil Pulizjia li ttentaw imorru hdejha u kien proprju meta PC1112 mar sabiex iqajjimha minn mal-art li hija gidmitlu idejh. Malli hija giet arrestata u dahlet gewwa l-vettura tal-Pulizija l-Ispettur Mercieca jghid li huwa raha taghti minn gewwa fuq il-hgieg tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GVP 585.

Dwar l-imputata Carmela Mintoff l-Ispettur Mario Tonna xehed li din bdiet tipprotesta malli Heathcliffe Schembri, li llum huwa r-ragel tat-tifla taghha, gie arestat u hija bdiet ixxejjer idejha u targumenta mal-Maggur 86 Anthony Lia. PS1112 qal illi ra lil din l-imputata tigbed lil Maggur Lia minn spallejh u taghtih bic-catt f’ghonqu u f’wiccu u raha tqattalu l-qmis tal-uniformi. Il-Maggur Lia kkonferma li Carmela Mintoff qattatlu l-uniformi filwaqt li l-Ispettur Ramon Mercieca xehed li din l-imputata bdiet tinsulta lil Pulizija u qabzet fuq il-Maggur Lia u cartitlu l-qmis.

In kwantu jirrigwarda l-imputat Heathcliffe Schembri l-Ispettur Mario Tonna xehed li dan m’obdiex l-ordni lilu moghtijia sabiex jitlaq minn fuq il-post u beda’ jxewwex lin-nies u mbotta Pulizija fuq vettura bin-numru tar-regsitrazzjoni BAA 953, beda’ jaghti bil-ponn fuq l-istess vettura u ntefa’ fuq il-bonnet taghha sakemm gie mmanetjat u arrestat. L-Ispettur Ramon Mercieca qal li dan m’obdiex l-ordnijiet lilu moghtija mill-Pulizija, beda’ jirrezisti l-arrest u ghamel hsara fuq il-bonnet u l-mudguard tal-vettura tal-marka Hyundai u bin-numru tar-

registrazzjoni BAA 953 li kien hemm parkeggjata vicin id-Don Vino bar.

L-Ispettur Mario Tonna xehed li l-imputata Alishia Mintoff bdiet tilmenta dwar l-arrest tal-gharus taghha Heathcliff Schembri filwaqt li PS1112 qal li ra lil din l-imputata tigbed lil Maggur Lia minn spallejh u taghtih bic-catt. L-Ispettur Ramon Mercieca qal li Alishia Mintoff ma hallitx lil Pulizija jaghmlu xogholhom meta rathom jarrestaw lill-gharus taghha u lil ommha.

Dwar l-imputat Nazzareno Gatt l-Ispettur Mario Tonna xehed li dan m'obdiex l-ordni lilu moghtija mill-Pulizija sabiex jitlaq minn fuq il-post u ma jindahalx f'xogholhom u minflok dan beda' jdur u jxewwex lin-nies ta' madwaru.

L-Ispettur Mario Tonna xehed illi meta l-imputat John Mamo gie mitlub jitlaq minn fuq il-post dan beda' jhedded lil Pulizija li kien ser ipattihilhom, beda' jxejjer idejh u m'obdiex l-ordni lilu moghtija sakemm imbaghad gie arrestat. L-Ispettur Ramon Mercieca xehed li John Mamo beda' jindahal f'xoghol il-Pulizija, beda' jheddidhom li kien ser inezzalhom l-uniformi u m'obdiex l-ordni sabiex jitlaq sakemm imbaghad gie arrestat.

In kwantu jirrigwarda l-imputata Marouska Attard, li hija t-tfajla tal-imputat John Mamo l-Ispettur Mario Tonna xehed li meta din rat lill- gharus taghha jigi arrestat hjia bdiet taghti bis-sieq u bil-ponn lil Pulizija sabiex ma thallihomx jarrestawh, hija bdiet toffendi lil Maggur 86 Atnhony Lia u bdiet taghti bil-manetti fuq il-vettura tal-Pulizija. PS1112 xehed li sema' lil din l-imputata tinsulenta lil Maggur Lia u tikellmu hazin u raha tirrezisti l-arrest, WPS 220[7] qalet li waqt li l-imputata Marouska Attard kienet tinsab arrestata l-Ghassa tal-Hamrun hija harbet u meta nstabet u regghat giet arrestata bdiet thedded lil Pulizija li kienet ser tara li jitkeccew mill-Korp tal-Pulizija. L-Ispettur Ramon Mercieca qal li Marouska Attard bdiet toffendi lil Maggur Lia bil-familja tieghu meta rathom jarrestaw lill-gharus taghha

[7] Li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Sertembru 2009.

John Mamo. Huwa qal ukoll li din kienet harbet mill-Ghassa tal-Hamrun wara li giet arrestata.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati lkoll ghazlu li jixhdu[8] f'dawn il-proceduri salv l-imputati Marouska Attard u John Mamo li ddikjaraw li qed jaghzlu li ma jixhdux waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar 2011 u l-imputat Jason James Agius li ddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx waqt l-udjenza tat-30 ta' April 2010. In succint huma lkoll sostnew li gew arrestati ghal xejn, hafna minnhom semplicement ghaliex bdew jistaqsu u jipprotestaw meta raw lil membri ohra tal-familja taghhom qed jigu arrestati ghall-ebda raguni ta' xejn. Carmelo Abela u hutu Angelino u Anthony Abela per ezempju jghidu li malli spicca l-marc ta' filghodu huma kienu vicin l-Ispettur Ramon Mercieca u meta telqu lejn id-dar taghhom li tinstab fil-periferija tal-Hamrun kien hemm hafna nies ukoll sejrin f'dik id-direzzjoni sabiex jigbru l-vetturi taghhom. L-ahwa Abela qalu li huma kienu qeghdin fil-veranda tad-dar t'ommhom meta gie vann kbir tal-Pulizija b'vettura quddiem u zewg vetturi wara u l-Pulizija hargu mill-vann b'certu arroganza fejn il-Maggur Lia beda' jsemmi wiehed mill-imputati l-ohra u jghid 'fejn hu?' u l-Pulizija l-ohra bdew jimbuttaw in-nies u jghidulhom sabiex jitilqu l'hemm. Carmelo Abela qal li l-Maggur Lia ipponta lejh u qallu sabiex jidhol gewwa ghaliex altrimenti kien ser jarrestah. Carmel Abela jghid li meta huwa rrispondih u staqsih il-ghala kellu jidhol il-gewwa meta kien qieghed fil-veranda ta' daru, gie s-Supretendent Bartolo b'erba' Pulizija mieghu u tnejn minnhom bdew jimbuttawh, tefawh daru mal-hajt u mmanetjawh u huwa gholla idejh sabiex juri l-manetti lin-nies li kien hemm qalilhom 'ara qed jarrestawni ghal xejn b'xejn'. L-imputati Angelino Abela u Anthony Abela kkonfermaw dak li kien qal huhom u qalu li l-Pulizija bdew jisprejjaw il-pepper spray fuq in-nies ghal xejn. Anthony Abela qal li l-Pulizija li arrestah kellu ordni

[8] L-imputat James Vella xehed waqt l-udjenza tas-16 ta' Gunju 2010.. L-imputati Dylan Vella, Kelsey Vella u Nazzareno Gatt xehdu waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2010. L-imputati Carmelo Abela, Angelino Abela, Anthony Abela u Johan Abela xehdu waqt l-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2010. L-imputat Jonathan Abela xehed waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu 2011. L-imputati Carmela Mintoff, Alishia Mintoff u Heathcliff e Schembri xehdu waqt l-udjenza tad-29 ta' Settembru 2011.

mis-superjuri tieghu sabiex jarresta lill-membri kollha tal-familja tal-Affaran. L-imputat Johan Abela qal li huwa gie arrestat waqt li kien bil-qeghda fil-veranda tad-dar tan-nanna tieghu qed ihares u l-Pulizija wkoll qalulu li kellhom ordni sabiex jarrestaw lil familja kollha tal-Affaran. L-imputat Jonathan Abela xehed li huwa kien qieghed gewwa fid-dar tan-nanna tieghu qed jistudja meta sema' xi storbju u meta hareg fil-parapett sabiex jara x'gara, kien hemm iz-ziju tieghu imdawwar bil-Pulizija qed jigi arrestat u huwa semplicement staqsa lill-Ispettur Tonna li kien vicin x'kien gara. Huwa qal ukoll li malli ra lil kuginuh li semplicement kien qieghed bil-qeghda fil-veranda wkoll jigi arrestat mill-Pulizija ddecida li jidhol il-gewwa izda malli dar sema' lil-Ispettur Tonna jghajjat 'arrestawh' u malli dar rah jipponta lejh u fil-fatt gie arrestat. L-imputat Heathcliffe Schembri xehed li huwa mar il-festa mal-gharusa u kellhom it-tifla ta' sentejn fil-pushchair u maghhom kien hemm omm u missier l-gharusa, Carmela u Albert Mintoff, u xi hbieb li wkoll kienu bit-tfal zghar. Huwa jghid li mxew lejn il-karozza taghhom li kienet parkeggjata kantuniera l'boghod mid-Don Vino Bar fejn kien hemm hafna nies kemm barra kif ukoll gewwa u huma ghalhekk qaghdu jitkellmu kantuniera boghod u waqt li huwa kien qieghed daru mal-hajt qed jitkellem ma habib tieghu gew il-Pulizija minn warajhom sabiex imorru lejn id-Don Vino u l-Maggur Lia beda' jghidlu sabiex jitlaq l'hemm u malli huwa qallu li dalwaqt kien sejjer ghaliex kellu l-vettura parkeggjata hemm il-Maggur Lia beda' jghajjat u jghidlu li ma kienx jimpurtah u fil-pront gew sitt Pulizija fuqu li bdew isabtuh ma vettura li kien hemm parkeggjata, wiehed minnhom gidmu u huwa spicca arrestat ghal xejn b'xejn. L-imputati Alishia Mintoff u Carmela Mintoff xehdu u qalu li huma gew arrestati ghaliex protestaw mal-Pulizija meta raw lil Heathcliffe Schembri qed jigi arrestat ghal xejn. Alishia Mintoff qalet li hija kellha t-tifla fil-buggy quddiemha meta giet arrestata u l-Pulizija kaxkruha minn mal-buggy u hallew lit-tifla fil-buggy wahidha. Nazzareno Gatt xehed li huwa gie arrestat semplicement ghaliex mar fuq Heathcliffe Schembri wara li dan gie arrestat u kien qed jiddahhal fil-vettura tal-Pulizija sabiex iserrahlu mohhu li t-tifla kienet maghhom u kienu ser jiehdu hsiebha huma. L-imputata

Kelsey Vella xehdet li hija giet imkaxkra u mnezza’ kwazi gharwiena mill-Pulizija quddiem kulhadd ghaliex protestat mal-Pulizija meta rathom qed jarrestaw lil Alishia Mintoff ghal xejn b’xejn u jhallu lit-tarbija fil-buggy wahidha f’nofs it-triq. James Vella u Dylan Vella li huma missier u hu Kelsey Vella rispettivament qalu li huma gew arrestati semplicement ghaliex bdew jipprotestaw meta raw lil Kelsey Vella qed tigi arrestata ghal xejn. L-imputati Heathcliffe Schembri u Alishia Mintoff prezentaw zewg certifikati medici[9] li jindikaw l-griehi lilhom kagunati mill-Pulizija waqt li kienu qed jigu arrestati.

Ikkunsidrat:

Li f’dawn il-proceduri l-imputati jinsabu lkoll addebitati b’varji imputazzjonijiet fejn qed jigu akkuzati fost affarijiet ohra bir-reat tal-attruppament kontemplat fl-Artikolu 68(1) tal-Kodici Kriminali kif ukoll bil-forma anqas gravi tal-attruppament kontemplat fl-Artikolu 68(2) tal-Kodici Kriminali, bir-reat ta’ tixwix lil persuna ohra sabiex tikkommetti reat, bir-reat ta’ tixwix lil persuna ohra sabiex tikser il-ligi, bir-reat ta’ oltragg kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali u l-kontravenzjonijiet ta’ ksur ta buon ordni u paci pubblika, nuqqas li jobdu ordnijiet legittimi moghtjia lilhom minn ufficjal pubbliku kif ukoll bil-kontravenzjoni komtemplata fl-Artikolu 342 tal-Kodici Kriminali (kliem fahxi u dagha fil-pubbliku).

Ir-reat tal-attruppament huwa kontemplat fl-artikolu 68(1) tal-Kodici Kriminali, u cioe’ li xewwex gemgha ta’ nies, illi hekk imxewxa ngabru f’numru ta’ ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat. Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Theuma et.** (25.09.1975), l-element tax-xjenza fir-reat ta’ l-attruppament – l-intenzjoni li jigi kommess reat – tigi dedotta mill-kwadru kollu tac-cirkostanzi. Fil-kaz odjern l-imputati kollha kienu parti minn gemgha ta’ nies biss b’mod incidentali u cioe’ ghaliex marru l-festa u hafna minhom kienu joqoghdu fil-vicinanzi u mhux ghaliex kellhom l-intenzjoni li jikkommettu reat u ghalhekk l-ewwel

[9] Inseriti a fol. 836 u 839

(1) imputazzjoni migjuba kontra l-imputati zgur ma tistghax tinghad li tirrizulta pruvata. Illi l-anqas ir-reat minuri kontemplat fl-Artikolu 68(2) ma jista’ jinghad li jirrizulta. Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Galea et.** (29.02.1964), l-element ta’ dan id-delitt huma (1) partecipazzjoni attiva; (2) f’gemgha ta’ ghaxra min-nies jew aktar; u (3) bl-iskop jew hsieb li tigi miksura l-ligi, u cioe’ l-ewwel zewg ingredjenti msemmija huma l-element materjali u l-ahhar menzjonat jikkostitwixxi l-element intenzjonali. Fir-rigward ta’ l-ewwel element, f’<u>Russell on Crime </u> (10th ed., p. 245), citat b’approvazzjoni mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Emanuel Spiteri (18.07.1973) jintqal hekk: “If any person encourages, or promotes, or takes part in riots whether by words, signs or gestures, or by wearing the badge or ensign of the rioters, he becomes a rioter, for in this case all are principals. <u>But mere presence without encouragmenet is not enough to establish criminality”</u> (sottolinear ta’ l-esponent). Fil-fehma tal-Qorti l-anqas dan ir-reat minuri ma jirrizulta pruvat fil-konfronti ta’ ebda wiehed mill-imputati ghaliex hemm neqsin kemm l-element formali kif ukoll l-element materjali. Fil-fatt ma gie pruvat li kien hemm ebda ness bejn il-familji li gew arrrestati jew li huma kienu hemm ghaliex kienu miftehmin.

Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-atti processwali jidrilha li l-imputati rnexxilhom jippruvaw sal-grad tal-probabbli, kif del resto huma tenuti li jaghmlu, li l-affarijiet sehhew kif irrakkuntaw huma, u cioe’ li s-sitwazzjoni eskalat minhabba *mismanagement* tas-sitwazzjoni mill-Pulizija u xejn aktar. Il-Qorti tirrileva li rriskontrat varji diskrepanzi fix-xhieda moghtija mill-Pulizija li marru fuq il-post dwar dak li effettivament gara. Per ezempju s-Supretendent Bartolo min-naha l-wahda u l-Ispetturi Ramon Mercieca u Mario Tonna ma jaqblux bejniethom dwar x’wassal sabiex numru konsiderevoli ta’ Pulizija, inkluzi huma t-tlieta, jmorru en masse fi Triq Giovanni Barbara u jibdew jarrestaw lin-nies. Is-Supretendent Bartolo jghid li huma marru fuq il-psot ghaliex dahlet call l-Ghassa tal-Hamrun li kien hemm l-inkwiet hdejn id-Don Vino Bar, filwaqt li l-Ispetturi Tonna u

Mercieca jghidu li huma marru fuq il-post ghaliex l-ewwel l-Ispettur Mercieca nforma lill-Ispettur Tonna permezz ta’ telefonata fuq il-mobile phone tieghu li kien ghadu kemm sema’ lill-ahwa Carmelo, Angelino u Anthony Abela jghidu li huma kienu sejrin id-dar u jekk jaraw li l-festi ghadhom ghaddejjin hdejn id-Don Vino kien ser jinqala’ l-inkwiet. Filwaqt li s-Supretendent Bartolo jghid li l-imputat Carmelo Abela prova jxejjirlu daqqa ta’ ponn izda ma laqtux semplicement ghaliex kien hemm Pulizija li dahal bejnithom, l-Ispettur Mario Tonna jghid biss li huwa ra lill-imputat Carmelo Abela jargumenta mas-Supretendent b’lehen gholi u jxejjer idejh. Pulizija ohra mbaghad qalu li raw lil Abela jaghti daqqa ta’ ponn lis-Supretendent. Il-Qorti tirrileva inoltre li l-istess ufficjali tal-Pulizija qalu li huma marru fuq il-post ghaliex kien hemm l-inkwiet bejn zewg familji, u cioe’ dik tal-Affaran u dik tal-Webbes mentri l-ewwel Pulizija li marru fuq il-post qalu li huma kienu marru fuq rapport li kienet qed tindaqq muzika gholja u Jason James Agius irrifjuta li jbaxxi l-muzika. Prova li kien hemm l-inkwiet bejn iz-zewg familji msemmija ma ngabitx u jekk wiehed jara l-lista ta’ imputati f’din il-kawza jinnota li filwaqt li hemm diversi membri ta’ familja tal-Affaran akkuzati bl-imputazzjonijiet odjerni, Jason James Agius huwa l-unika imputat membru tal-fazzjoni l-ohra. Huwa ferm rilevanti wkoll li jigi nnutat li s-Supretendent Bartolo xehed li meta waslu huma fuq il-post is-sitwazzjoni kienet kalma u fil-fehma tal-Qorti l-affarijiet eskalaw minhabba l-mod kif intervjenew il-Pulizija, u cioe’ minhabba zelu zejjed da parti tal-Maggur 86 u *mismanagement* tal-istess sitwazzjoni minn membri ohra tal-Korp tal-Pulizija. Jekk wiehed isegwi l-iter ta’ kif svolgew l-affarijiet skond dak li jirrizulta mill-provi kien hemm forma ta’ chain reaction wara li gie arrestat Jason James Agius fejn imbaghad il-Pulizija bdew jarrestaw diversi nies wara xulxin u minghajr ebda raguni apparenti salv li dawn kienu qed jipprotestaw ghaliex kienu qed jigu arrestati membri ohra tal-familji taghhom minghajr ebda raguni ta’ xejn. Il-Qorti jidhrilha li, li kieku l-Pulizija qadu fuq il-post sabiex jaraw li l-affarijiet jibqghu kalmi, skond kif xehed li kienu s-Supretendent Bartolo, u ma bdewx jaghtu odnijiet lil nies sabiex jitilqu u jinfirdu, kien jigi evitat l-inkwiet kollu li sussegwentement inqala’. Ta’ min

jinnota per ezempju li l-Maggur Lia jghid li huwa ta ordni lil Jason James Agius sabiex jinfirdu n-nies meta huwa pjuttost evidenti li Agius seta' jikkontrolla l-movimenti tieghu izda mhux dawk tan-nies l-ohra li kien hemm. Wiehed kien jifhem li kieku il-Maggur Lia ta ordni lil Agius sabiex jaghlaq il-hanut sabiex in-nies jitilqu ghaliex din hija xi haga taht il-kontroll tieghu u l-Prosekuzzjoni kienet tkun gustifikata li takkuza lil Agius li naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija una volta li tipprova li huwa effettivament naqas mili jaghmel dak lilu ordnat. Il-Qorti jidrilha li l-Pulizija ma kienux gustifikati li jaqbdu u jordnaw l-arrest tal-membri kollha tal-familja Abela minghajr ebda raguni. Dan il-fatt mhux biss jirrizulta mix-xhieda tal-imputati membri tal-familja Abela izda anki min-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li ssemi jew taccenna x'seta' kien l-agir li wassal ghall-arrest ta' per ezempju l-imputati Johan Abela u Jonathan Abela. Dan il-fattur ikompli jsahhah il-konvinciment ta' din il-Qorti li kienu l-Pulizija li taw in-nar ghall-inkwiet meta bdew jeffetwaw arresti bl-addocc sabiex minghalihom jikkontrollaw sitwazzjoni li fi kliem is-Supretendent Bartolo kienet kalma. Il-Qorti ma tistghax ma tikkummentax dwar il-mod ghal kollox incivili li gie effetwat l-arrest ta' Alishia Montoff fejn omm tkaxkret minn mal-pushchair li kienet qed izzomm u tarbija f'pushchair thalliet wahidha f'nofs it-triq.

Il-Qorti jidrilha li l-anqas l-imputazzjonijiet ta' oltragg, ksur ta' buon ordni u paci pubblika u nuqqas li jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija minn ufficjal pubbliku ma jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mil-ligi fil-konfronti ta' ebda wiehed mill-imputati ghaliex difficilment wiehed jista' jifhem kf jista' jkun hemm ksur ta' buon ordni waqt festa u fi kwalunkwe kaz il-Qorti ma jidrilhiex li protesti kontra arresti ghal xejn jistghu jitqiesu bhala oltraggi jew ksur ta' buon ordni. In kwantu jirrigwarda n-nuqqas li jobdu l-ordnijiet legittimi ma' giex pruvat sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li effettivament inghataw xi ordnijiet legittimi mill-Pulizija li ma gewx segwiti. Per ezempju kif seta' qatt il-Maggur Lia jipretendi li l-ordni li huwa ta' lil Jason James Agius li jinfirdu n-nies tigi obduta? Tista' qatt ordni bhal din li l-ezekuzzjoni taghha da parti tal-imputat Agius kienet

kompletament barra l-kontroll tieghu titqies bhala ordni legittima?

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati individwalment il-Qorti jidrilha li dawn ma jistghux jitqiesu bhala pruvati sal-grad rikjest mil-ligi ghall-istess ragunijiet indikati in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonjiet migjuba kontra l-imputati kollha. L-unika imputazzjoni li l-Qorti jidrilha li tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi hija dik migjuba fil-konfronti tal-imputata Marouska Attard wahidha fejn hija qed tigi akkuzata bir-reat kontemplat fl-Artikolu 151 tal-Kodici Kriminali stante li gie pruvat li wara li din giet arrestata u ttiehdet l-Ghassa tal-Hamrun hija rnexxilha b’xi mod tahrab mill-kustodja tal-Pulizija. Minhabba c-cirkostanzi li fihom gie effetwat l-arrest il-Qorti jidrilha li ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Kap. 446 in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 151 u 160 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata Marouska Attard hatja tar-raba’ (4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha wahidha u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.  Il-Qorti tiddikjara lill-imputata Marouska Attard mhux hatja tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti tiddikjara lill-imputati Carmelo Abela. Angelino Abela, Jonathan Abela, Johan Abela, Anthony Abela, Jason James Agius, Heathcliffe Schembri, James Vella, Dylan Vella, Kelsey Vella, John Mamo, Nazzareno Gatt, Carmela Mintoff u Alishia Mintoff mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------